MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 243/2001/1

Avviz Nru:  243/01 DM

**Untours Insurance Agencies Ltd ghall-Qatar Insurance Company  bhala surrogati fid-drittijiet ta' Philip Aquilina u l-istess Philip Aquilina**

**vs**

**Silvio Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas lill-istanti Untours Insurance Agents Ltd noe ghas-somma ta' Lm259.44c u lill-istanti Philip Aquilina ghas-somma ta' Lm25 danni minnhom subiti wara incident stradali li sehh fit-23.07.99, danni minnhu dovuti prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli

ghall-incident bejn il-car Nru BAJ 606 misjuqa mill-istanti Philip Aquilina (assikurata b'polza comprehensive mall-attur noe l-iehor) u car Nru KAJ 183 misjuqa minnhu. L-incident gara f'Hal Qormi.

Bl-ispejjez, komprizi Lm11.50 ta' konsult, dawk tal-ittra ufficjali tal-31.05.00 (b'zewg intimati) u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn-notifika tal-ittra tal-31.05.00 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante illi ghall-incident in kwistjoni l-eccipjenti ma kellu l-ebda htija;
2 Salv kull eccezzjoni ulterjuri u b'riserva ghall kull azzjoni spettanti lill-konvenut kontra l-atturi ghad-danni sofferti mill-konvenut in segwitu ghall-incident stradali meritu ta' din il-kawza ghal liema danni l-eccipjenti qed jinterpella lill-atturi jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tal-istess.

Rat il-verbal tad-9 ta' Mejju 2002 fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara li m'ghandhux kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni izda biss regward ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-kollizjoni grat f'kantuniera bejn il-vetturi misjuqa mill-kontendenti li kienu miexjin f'direzzjonijiet opposti. Evidentement il-viswali kienet l-istess ghaz-zewg sewwieqa u billi t-triq, anke fil-kantuniera fejn saret il-habta, kienet tippermetti li zewg vetturi jinsaqu

f'direzzjonijiet opposti ma' gemb xulxin, jinkombi fuq l-attur, biex jipprova r-responsabilita' tal-konvenut, illi jipprova li l-istess konvenut b'xi mod invada l-karregjata tieghu biex ma hallielhux bizzejjed spazju biex jista' jipprocedi minghajr incident.

Dawn il-provi prodotti mill-attur jikkonsistu fid-deposizzjoni tieghu u fl-iskizz maghmul mill-ufficjal li nvestiga l-kaz li jinsab a fol. 16 tal-process.

Fid-deposizzjoni tieghu l-attur jallega illi kien il-konvenut illi nvada l-karregjata tieghu, izda dan huwa enfatikament innegat mill-konvenut li minn naha tieghu anzi jallega li kien l-attur Aqulina stess illi nvada l-karregjata tieghu u nfatti ta' deskrizzjoni dettaljata tal-manuvra zbaljata illi ghamel l-attur biex wasal biex invada l-karregjata ta' l-istess konvenut u habat mal-vettura tieghu.

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet il-Qorti ssib illi dik tal-konvenut hija l-iktar affidabbli billi, apparti d-dettalji u osservazzjonijiet f'posthom, hija l-unika wahda illi tinsab ikkoroborata minn kif il-vetturi gew murija fl-iskizz maghmul mill-ufficjal li nvestiga l-kaz.

Infatti, anke l-angolatura tal-vettura tal-attur Aquilina hija ndikattiva illi waqt li kien qed jaghmel il-manuvra jidher li huwa ma kienx qieghed isegwi ezattament il-liwja fit-triq, u kien hu li kien qed jostakola t-traffiku provenjenti mid-direzzjoni opposta.

Ghal dawn il-mottivi tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------